**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 3 ta' Lulju 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Ass. Kumm. I.J. Abdilla)**

**Vs**

**KARMELO BARBARA**
**FRANCIS BARBARA**

Kump Nru. 803/2007

**IL-QORTI**;

Rat lill-imputati **Karmelo Barbara** ta' 66 sena bin il-mejjet James u l-mejta Rose nee Briffa, imwieled Mqabba fid-19 ta' Awwissu 1943 u li joqghod fi 'Qalb ta' Gesu', Triq il-Wied, Zurrieq, Detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 533943M; u Lil **Francis Barbara** ta' 48 sena, bin il-mejjet James u l-mejta Rose nee. Briffa, imwieled Mqabba fis-6 ta' Mejju 1959 u li joqghod fi Numru 1, 'Aphrodite', Triq Dun Nikol Zammit, Mqabba, Detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 366159M, tressqu quddiemha akkuzati talli:

1. Talli f'Settembru 2007, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'isimkom proprju, kif wkoll fil-kapacita'

taghkom ta' diretturi tas-socjeta' Shubari Company Limited (C.20970), b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejtu b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejtu haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qligh b'qerq ta' aktar minn elf Lira Maltin ghad-dannu ta' Carmel Mifsud u Grace Mifsud; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. U aktar talli, bejn l-5 ta' Lulju 2007 u Settembru 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'isimkom proprju, kif wkoll fil-kapacita' taghkom ta' diretturi tas-socjeta' Shubari Company Limited (C20970), bla hsieb li tisirqu jew li taghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercitaw jedd li ppretendejtu li ghandkom, bl-awtorita' taghkom infuskom, fixkiltu lil persuni ohra, u cioe lil Carmel Mifsud u lil Grace Mifsud, fil-pussess ta' hwejjighom; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 u 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. U aktar talli, f'Lulju 2007, f'dawn il-Gzejjer, sabiex tiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalikom jew ghal-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika u cioe' permess ta' Form K, xjentement ghamiltu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajtu taghrif falz;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll geintilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill akkuzat/i ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitilu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f’Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tad-29 ta' Frar 2012 (ara *folio* 69) u l-kunsens tal-imputati sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 108);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi dak li rrizulta f'dan il-process kien bazikament is-segwenti;

**L-ispettur Ian Abdilla xehed nhar il-1 ta' Frar 2012 (a fol. 42)** u dan ikkonferma li l-pulizija rceviet kwerela minghand Dr. Adrian Delia u Dr. John Gauci fejn rraportaw kaz ta' allegat frodi fil-kontront ta' Carmel Mifsud li kien wiehed mid-diretturi tal-kumpanija jisimha Shubari Company Limited. Ir-rapport kien bazikament jikkonsisti fil-fatt li wiehed mid-diretturi ta' din il-kumpanija certu Francis Barbara (ID366159M) kien ipprezenta Form K applikazzjoni tac-*change of director* fir-*registry of Companies* l-MFSA fejn informa lill-MFSA li Carmel Mifsud kien gie mnehhi minn direttur tal-istess kumpanija. Bazikament is-*shareholding* tal-kumpanija kienet maqsuma f'600 *shares* ta' Lm1 u dawn kienu maqsumin f'kategoriji shares A, B u C fejn il-kategoriji A u C kienu tal-imputati Barbara waqt illi shares B kienu jghajtu lil Carmel Mifsud. Il-*Memorandum and Articles* tal-kumpanija kienet tirregola li kull sub-kategorija ta' Shares kellhom il-poter li jahtru direttur.

Illi sar Extraordinary General meeting fis-7 ta' Lulju 2007 li gie msejjah minn Charles Barbara fejn prezenti kien hemm Charles Barbara, Francis Barbara kif wkoll Mary Grace Mifsud li hija il-mara ta' Carmel Mifsud. Fuq l-agenda kien hemm li jitnehha minn direttur Carmel Mifsud bhala wiehed mid-diretturi tal-kumpanija ai termini tal-artikolu 140 tal-Companies Act liema resoluzzjoni ghaddiet b'zewg voti kontra wiehed. Dawn il-fatti ma humiex kontestati. Dr. Adrian Delia fl-istess meeting nforma lill-partijiet kollha li x-shareholding type B

li dak inhar kienu kollha jappartjenu lil Carmel Mifsud kienu regghu appuntaw lil Carmel Mifsud bhala direttur biex jiehu hsieb l-interessi tax-*share holding type* B ai termini tal-klawsola 7 tal-Memorandum and Articles u din id-decizjoni giet injorata mill-individwi l-ohra. Tant li, fis-6 ta' Lulju 2007, Francis Barbara pprezenta Form K fir-Registry of Companies tal-MFSA u nfurmahom li Carmel Mifsud tnehha minn direttur. Meta sar jaf b'dan sussegwentement fil-11 ta' Lulju tal-istess sena, Mifsud mar l-MFSA u pprezenta Form K sabiex jinformahom li huwa kien nhatar direttur rapprezentanti is-shares tat-tip B.

Carmel Mifsud tnehha bhala firmatarju tal-kont tal-Bank of Valletta ta' Birzebbugia minn Barbara jew terzi u ghalhekk ma kellux iktar access sabiex jara il-kotba tal-kumpanija. Gie maghruf wkoll li bejn is-7 ta' Lulju u 10 ta' Lulju 2007, il-locks tal-bieb tal-kumpanija kienu gew mibdula b'mod u manjiera li Carmel Mifsud gie mcahhad access ghal-dan il-fond.

Jirrizulta wkoll li fiz-zmien li Mifsud kien qieghed jigi allegatament ppregudikat, infetah kont bankarju HSBC Bank fil-branch ta' Zurrieq li kien qed jigi operat minn Francis Barbara u Charles Barbara.

Spjega wkoll li kien baghat ghal Francis u Charles Barbara sabiex jirrilaxxaw stqarrija kif filfatt effettivament ghamlu. F'dawn l-istqarrijiet sostnew li ghamlu kollox skond il-ligi u fuq parir tal-avukati.

**Carmelo Mifsud xehed nhar il-1 ta' Frar 2012 (a fol. 54)** u dan kkonferma li madwar 13-il sena qabel kienu ltaqghu u fetah tali kumpanija flimkien ma' Charlie u Frans Barbara li jisimha Shubari Company Ltd. Ikkonferma li huwa kellu 200 share fil-kumpanija f'ismu u li fid-data tal-meeting illi sar, il-mara tieghu kienet prezenti u vvotat permezz ta' prokura.

Spjega li ftit taz-zmien wara kien rcieva telefonata minn Charles Vassallo li kien il-manager tal-kont tal-kumpanija mal-Bank of Valletta ta' Birzebbugia fejn dan talab meeting. F'dan il-meeting Vassallo ghan-nom tal-Bank staqsa jekk Mifsud kienx ghadu direttur u wara li qal iva u wera il-form K, Charles Vassallo ghan-nom ta' Bank of Valletta ssospenda dan il-kont bankraju. Ftit tal-granet wara ix-xhud rcieva zewg cekkijiet mill-kumpanija mahrugin mill-HSBC taz-Zurrieq.

Wara li cempel lill-Manager Stephen Vassallo ghan-nom ta' HSBC, sar meeting u x-xhud rrileva lill-Manager tal-bank li l-imputat Carmelo Barbara ma setax jiftah kont bankarju minghajr l-awtorizzazjoni tax-xhud peress li huwa kien direttur. Wara dan rrizulta li Stephen Vassallo waqqaf il-kont wkoll.

**Xehdet Marygrace Mifsud a fol. 60** fejn kkonfermat li hija kienet prezenti ghal-Extraordinary General meeting minflok ir-ragel taghha Carmelo Mifsud, meta bdew il-problemi u l-imputati riedu jnehhuh minn direttur. Kkonfermat li Dr. Delia kien immedjatament wara li gie mnehhi, rega appuntah ghan-nom tax-shareholder tal-istess B Shares. Kkonfermat li ndunaw bil-bdil tal-kont bankarju minhabba li rcevew zewg cekkijiet, wiehed tal-kera ta' Gunju minhabba li l-fond kien propjeta taghhom personali kif wkoll wiehed tad-direttur. Rrilevat dak li xehed zewga u cioe dak illi gara fil-konfront taz-zewg banek u cioe Bank of Valletta ta' Birzebbugia u HSBC taz-Zurrieq. Spjegat li eventwalment is-sitwazzjoni giet rizolta qua il-kumpanija u kien intlahaq ftehim finali fejn l-imputati Barbara xtraw is-sehem ta' Carmelo Mifsud wara hafna snin.

Rat il-Form K's rilevanti ghal-kaz odjern a fol. 76, 77, 78, 79 pprezentati minn Jean Karl Portelli fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012

**Xehed Charles Vassallo fil-12 ta' Marzu 2012 a fol. 87** fejn irrileva li hu kien il-Branch Manager tal-Bank of Valletta Birzebbugia branch fiz-zmien tal-incident. Sostna li kien mar Charles Barbara personalment, tah karta u informah li Carmelo Mifsud ma kienx ghadu direttur tal-kumpanija u li kien tnehha. Spjega li hu f'dal punt ghamel kuntatt ma’ Carmelo Mifsud u dan sostna li kien ghadu direttur. X'hin Mifsud pproduca il-Form K necessarja ix-xhud spjega li waqfilhom il-kont bankarju tal-kumpanija Shubari.

**Xehed Stephen Vassallo fil-12 ta' Marzu 2012 a fol. 90** fejn spjega li hu kien il-Branch Manager fil-Branch taz-Zurrieq. Spjega li l-imputati Barbara kellhom kontijiet f'isimhom personali u kienu marru ghandu sabiex jifthu kont f'isem il-kumpanija Shubari. Dan infetah fuq zewg firem, dawk ta' Charles Barbara u Francis Barbara. Wara xi 10 t'ijiem li nfetah dan il-kont bankarju, Carmelo Mifsud ghamel kuntatt max-xhud u nfurmah li kien wkoll direttur tal-istess kumpanija u kellu d-dritt li jiffirma fuq il-kont wkoll. F'dal punt waqqfu l-kont, card

u cheque books tal-istess kont u l-bank kienu baghatu c-cekkijiet kollha li dahlu lura bhala *'requires another signature'.*

**Xehed Roderick Debattista a fol. 94** fejn sostna li jigi mizzeweg lin-neputija ta' l-imputat Charles Barbara. Kkonferma li l-kumpanija Shubari Company Ltd tmexxi stabbiliment gewwa Birzebbugia. Gie mitlub sabiex jkun direttur fuq din il-kumpanija ghal-perjodu qasir. Spjega li kien gie avvicinat ghal-irwol minn Charles Barbara u li shareholders tal-kumpanija jaf li kienu tlieta, Charles Barbara, Francis Barbara u persuna ohra.

**Xehed l-imputat Charles Barbara a fol. 119** fejn iddikjara li f'Marzu tal-2010 huwa flimkien ma' Frans Barbara kien xtara ix-shares kollha ta' Mr. Mifsud u kienu ffirmaw ftehim tat-transazzjoni. Spjega li fir-rigward tal- Form K li giet pprezentata mal-MFSA dwar it-tnehhija minn direttur ta' Carmelo Mifsud ddahlet minn Francis Barbara u ppreparata minn Dr. Carlo Vinia. Nnega li qatt ha jew zamm xi flus. Sostna li jekk ha flus hadhom bis-sewwa.

**Xehed Dr. Borg Cole a fol. 143** fejn rrileva li kull pass illi ghamlu l-akkuzati, huwa hati taghhom ix-xhud. Spjega li l-imputati dejjem mxew fuq il-parir legali tieghu.

Rat is-sottomisjonijiet bil-miktub tal-imputati a fol.153

Rat il-*memorandum and articles* tal-kumpanija anness u mmarkat Dok. 4

Dan hu bazikament il-korp tal-evidenza f'dan il-process.

**Ikkunsidrat;**

IIli meqjus sew il-kwadru tal-fatti rizultanti, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-elementi tar-reat tat-truffa, tar-reat ta' raggion fattasi u r-reat tal-uzu ta' dikjarazzjoni falza ma gewx ippruvati.

Dan kien kaz klassiku fejn il-pulizija tintalab tinvestiga fatti, in effetti tniedi investigazzjoni, mal-kors tal-investigazzjoni jibdew jirrizultawlha xi forom ta'

irregolaritajiet jew skorettezzi u konsegwentament tigi istitwita l-kawza kriminali. Imbaghad, kif gara f'dan il-kaz, matul is-smiegh tal-kawza, l-evidenza (xhieda u provi ohra) li tkun qed tressaq ma tkunx tali u b'sahhitha bizzejjed sabiex ir-reati mressqa jkunu sostenibbli.

Certament jidher li kollox nibet minn dizgwid serju bejn l-azzjonisti tas-socjeta in kwistjoni – dizgwid li mbaghad gie sodisfacentament rizolt bejn il-partijiet kollha koncernati.

Il-gabra tal-fatti rizultanti aktar il-fuq ma humiex ghalhekk bizzejjed ghas-sostenibilita tal-kaz tal-prosekuzzjoni. Il-Qorti ma rriskontrat ebda prova konklussiva ghar-reati addebitati.

**Decide:**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, ISSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTATI CARMELO BARBARA U FRANCIS BARBARA MHUX HATJA TAL-IMPUTAZZJONIJIET KIF MIGJUBA KONTRA TAGHHOM U MINNHHOM TILLIBERAHOM SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur